Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Numru. 212/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Camilleri)**
**(Sp. Carmelo Magri)**

**v**

**Raymond Martin ta’ 41 sena, bin Joseph u Anna nee Muscat imwieled fil-Marsa fis-26 ta’ Dicembru, 1959, u li jowghod ‘Kingsland Flats’, Numru 3, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 23560 M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Raymond Martin li gie akkuzat talli fid-29 ta’ Marzu, 2001 ghall-habta tas-6.00 ta’ filghaxija fil-Marsa flimkien ma’ persuna ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta’ somma flus kontanti u diversi cekkijiet li jammontaw ghall-aktar minn ghaxart elef

lira Maltin minn fuq il-persuna ta' Joseph Cilia minn Hal-Qormi u Joseph M. Galea mill-Hamrun it-tnejn impjegati ta' Pawlu Bonnici Ltd. tal-Marsa liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000), u liema serq sar ghad-detriment tad-Diretturi ta' Pawlu Bonnici Ltd.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zam jew issekwestra lill-istess Joseph Cilia minn Hal-Qormi u lil Joseph M. Galea mill-Hamrun kontra l-volonta' taghhom.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa b'permezz ta' xi sustanza jew likwidu li jisplodi jew jahraq (pepper spray) jew li hu korrusiv ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Cilia minn Hal-Qormi u Joseph M. Galea mill-Hamrun skond kif iccertifika t-tabib Marcel Schembri MD (Numru 1460) tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana.

Talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ta' l-Avukat Generali fejn baghat l-Artikoli that liema hemm mahsub li tista' tinstab htija u cioe:

261(a)(b)(c), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 276, 277, 226A, 278, 230, 279(1)(2), 280, 221, 217, 334, 289, 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kap 9.

Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni li dinil-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat ukoll li fis-seduta tas-17 ta' Lulju, 2002 Raymond Martin irregistra Ammissjoni ghal (i)(ii)(iii) akkuzi. Ghalhekk huwa qed jammetti ghas-serq kif aggravat, ghas-sekwestru fuq Galea u Cilia u talli bl-uzu ta' l-hekk imsejjah pepper spray ikkommetta griehi ta' natura hafifa fuq l-imsemmija Gaela u Cilia.

Fil-fatt ma gietx ammessa l-akkuza ta' recidiva. Rat f'dan ir-rigward is-sentenza esebita a fol 212 Dok CM, rat ukoll li d-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ggib prova ta' l-identita' dwar l-istess. Rat ukoll il-fedina penali ta' l-akkuzat, rat ukoll l-art 50 tal-kap 9 li jitkellem dwar delitti.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni tieghu wara li rat l-artikoli 261, 262, 263, 267, 276, 277, 226a, 278, 230, 279(1)(2), 280, 221, 20 tal-Kap 9 u qed issibu hati fuq l-istess. Dwar il-piena, wara li kkonsidrat dak kollu premess, tqis anke l-gravita' ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erba' snin wara li rat l-art 28A tal-kap 9. Il-Qorti fehmet lill-akkuzat l-import u sinifikat ta' sentenza sospiza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------